Ghoxrin (20) ta' Settembru elf disa' mija tlieta u tmenin (1983).

BEJGH

Insinwat 29/9/1983

Ins Vol I No. 7149/1983

Quddiemi Nutar Dottor Patrick Critien qeghdin jidhru personalment:

Minn-naha l-wahda:

Arthur Gatt, pensjonant, bin il-mejtin Joseph u Emmanuela nee' Micallef, imwieled Cospicua u joqghod il-Gzira (Numru tal-Karta tal-Identita' 249227 M).

U minn-naha l-ohra:

Anthony Gatt, fl-kummerc, bin Arthur u Rosaria nee' Muscat, imwieled il-Marsa u joqghod il-Gzira (Numru tal-Karta tal-Identita' 287959 M).

Bis-sahha ta' dan l-att il-komparenti Arthur Gatt qed ibiegh u jittrasferixxi lill-komparenti Anthony Gatt, li jaccetta, jixtri u jakkwista l-arja kollha sa hdax il-filata 'l-fuq minn flat numru tnejn (2) ta' block li ghadu qieghed jinbena fuq id-dar bla numru, jisimha "Cawhra" fi Victor Street, Gzira, u fil-quddiem jinbena bhala flat numru erbgha (4) tal-block fuq imsemmi li jgib l-isem ta' Capricorn Flats, fl-istess triq, tal-kejl din l-arja ta' cirka erba' mija erbgha u tmenin metri kwadri (484 m2), konfinanti mill-lvant mat-triq, tramuntana ma' beni ta' Charles Brincat u minn-nofsinhar ma' beni tal-venditur stess, libera u franka, u bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha.

Dan il-bejgh qed isir u qed jigi accettat bil-prezz ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) li gia thallas qabel illum u inghatat ricevuta.

Il-venditur jiggarantixxi l-pacifiku pusess tal-arja mibjugha skond il-ligi, u biex jaghmel tajjeb ghal dan jipoteka l-beni tieghu kollha in generali, presenti u futuri, favur il-kompratur, li jaccetta.

Ghall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni tas-sena elf disa' mija tlieta u sebghin (1973) jigi dikjarat illi l-venditur

akkwista l-art li fuqha bena d-dar "Gawhra" fuq imsemmija u l-arja ta' fuqha b'titolu ta' bejgh [illegible] ghand il-Baruni Salvino Testaferrata Moroni [illegible] ghaxra ta' Mejju [illegible] tan-Nutar Dottor George Bonello DuPuis tat-tnejn (2) ta' Ottubru elf disa' mija disgha u sebghin (1979).

U ghal din ir-raguni jiena Nutar hawn taht iffirmat niddikjara li dan il-bejgh mhux soggett ghad-disposizzjonijiet tal-imsemmi Att.

Flimkien mal-arja fuq imsemmija hemm inklus fil-[illegible] sehem indivis fit-tarag komuni u fil-bejt [illegible] ukoll tal-partijiet komuni kollha normali.

Ghall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa tad-Dokumenti tas-sena elf disa' mija wiehed u tmenin (1981) jigi dikjarat illi l-ammont ta' Bolol fuq dan il-kuntratt hu ta' tlettax il-lira Maltin (Lm13).

Dan il-kuntratt qed isir bil-permess tal-[illegible] tal-Artijiet in [illegible] tal-[illegible] Certifikat markat bl-ittra 'A'.

Maghmul, moqri u pubblikat wara d-debita spjegazzjoni f'Malta, l-Gzira, Victory Street, fid-dar bla numru jisimha "Gawhra".

(Firmati) A. Gatt;

Anthony Gatt;

Dr. Patrick Critien,
Nutar Pubbliku, Malta.

DEPARTMENT OF INLAND REVENUE

No. 84812

21.9.1983

Received from Not. P. Critien thirteen Malta Pounds (£M13.00,0) for stamp duty as declared by him to be due on a deed executed in his records regarding sale of immovables at Gzira between Arthur Gatt and A. Gatt.

(Sgd) J. Mercieca, for C.I.R.

Not Dr P Critien.

True Copy

19/1/2024

PATRICK CRITIEN LL.D
Notary Public & Commissioner for Oaths
MALTA

Arkivre Arkivre Arkivre
Arkivre Arkivre Arkivre
Arkivre Arkivre Arkivre
Arkivre Arkivre Arkivre